MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 6/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Jannar, 2006 li permezz taghha l-attrici premettiet:

Illi, kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok A, il-

kontendenti zzewgu f'Malta fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elf disa mija sebgha u sebghin (1977);

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq il-jeddijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

U illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ukoll b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalihom li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

U ukoll illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuta debitament notifikat ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci skond il-ligi;.

Rat l-atti processwali.

Semghet lill-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Dicembru, 1977 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (c), d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenut huwa kontumacji u ma ressqitx provi, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’ materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni, imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika anke f’kaz ta’ ammissjoni izda japplika izjed f’kaz fejn il-konvenuta hija kontumacji u dan .ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli illi ghalihom hemm riferenza mill-attrici fic-citazzjoni jghidu hekk;

19 (1) (c) – il-kunsens ikun vizjat b’difett serju ta’diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) li l-kunsens ikun gie miksub bl-eskulzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tieghu jew tad-dritt taz-zwieg;

Mill-provi mressqa jidher li l-attrici giet imgieghlha tizzewweg minn missierha hekk kif ghalqet is-sbatax-il sena ghaliex skond l-attrici dan kien ifittex jehles minn uliedu hekk kif jaslu ghal l-eta' maggorenni minhabba l-biza li jitnaqqaslu l-hlas ghall-ghajnuna socjali li kien jircievi. Da parti tieghu l-konvenut ma kien qatt jittrattaha ta' martu u baqa jzomm relazzjoni li kellu ma' mara ohra qabel iz-zwieg u skond l-attrici anke kellu xi wild minghandha. L-attrici saret taf b'dan ferm wara z-zwieg. Kollox ma' kollox l-istorja ta' dan iz-zwieg hija wahda ta' swied il-qalb u iktar konsona ma' zminijiet ohra. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx diffikolta taderixxi ghat-talbiet attrici ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-partijiet kuntrattat fis-7 ta' Dicembru, 1977. L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------